# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Tnejn tnejn (2) taʼ Lulju 2012**

**Rikors Numru 267/16 FDP**

**John Pisani**
**(ID 394858M)**

**vs**

**Peter Mamo u Untours Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta estera Qatar Insurance Company**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil 31 ta' Ottubru 2016 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex:

1. *Tiddikjara lill-konvenut Peter Mamo unikament responsabbli ghad-danni komprisi dawk risultanti minn grieh ta' natura serja u permanenti sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara f'Ghajn Dwiele Road, Paula fis 6 ta' Dicembru 2010 meta l-istess konvenut minhabba negligenza u traskuragni habat mal-mutur numru DBP 785 waqt li huwa kien qed isuq il-vettura numru MAM 020 u dana kif sejjer jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' hmistax-il elf Euro (€15,000) jew somma ohra verjuri okkorendo bl-opra ta' periti nominandi.*

3. *Tikkundanna lill-konvenuti insolidum bejnietjom jhallsu lill-attur dik os-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz.*

   *Bl-ispejjez komprizi dawk ta' tlett Ittri Ufficjali datati 15 ta' Novembru 2012, 23 ta' Settembru 2014 u 6 ta' Gunju 2016 kontra l-konvenuti.*

Rat ir-risposta tal-intimati ppresentata fit 28 ta' Novembru 2016 fejn laqghu ghal dak mitlub billi qalu is-segwenti:

1. *Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ghall-incident awtomobilistiku meritu ta' dan ir-rikors kien unikament responsabbli r-rikorrent stess.*

2. *Illi d-danni sofferti mir-rikorrenti huma kontestati fil-fatt u fid-dritt b'konsegwenza ta' negligenza kontributorja da' parti tar-rikorrenti stess, li ma hax il-prekawzjonkjiet kollha mehtiega.*

3. *Salvi ecezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.*

Rat id-dokumentazzjoni ppresentati mir-rikorrent fis 7 ta' Dicembru 2016, ossija Rapport Mediku rilaxxjat minn Mr Massimo Abela (fol 11 - 14) u l-FS3 ghas-snin 2013, 2014 u 2015 (fol 15 – 17).

Rat illi bejn l-20 ta' Frar 2017 u l-5 ta' Ottubru 2017 sareu hames seduti fejn l-Qorti kienet qed tigi infurmata illi l-partijiet kienu qed jikkontemplaw transazzjoni, liema transazzjoni l-Qorti giet mgharrfa illi ma ntlahqitx fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2017.

Rat l-affidavit tar-rikorrent **John Pisani** ippresentat fis 17 ta' Ottubru 2017 flimkien ma' dokumentazzjoni minnu ppresentati in sostenn ta' dak minnu mitlub.

Rat illi fit 30 ta' Ottubru 2017 l-intimati gharrfu lill-Qorti illi ma kienx hemm kontestazzjoni dwar ir-responsabbilta', liema responsabbilta' kienet qed tigi ammessa, izda kien hemm kontestazzjoni dwar id-danni rikjesti.

Rat illi fit 30 ta' Ottubru 2017 il-Qorti appuntat lill Espert Mediku Mr Ray Gatt sabiex jezamina lir-rikorrent u jistabilixxi d-disabbilta' li minnu sofra r-rikorrent rizultat tal-incident meritu tal-kawza odjerna.

Rat ir-rapport tal-Expert Mediku Mr Ray Gatt ippresentat fil 15 ta' Frar 2018 u mahluf fid-9 ta' April 2018. (fol 66)

Rat illi bejn it 12 ta' April 2018 u it 28 ta' Mejju 2018 kien hemm erbgha seduti sabiex ir-rikorrent jippresenta dokumentazzjoni ulterjuri, liema dokumentazzjoni huwa eventwalment ippresenta fit 28 ta' Mejju 2018.

Rat illi fl-24 ta' Mejju 2018 il-kawza giet differita ghall-provi kollha intimati u finali trattazzjoni.

Rat illi fil 11 ta' Gunju 2018 il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-gbir tal-provi maghluq u semghet is-sottomissjonijet finali tal-konsulent legali tar-rikorrent, wara liema sottomissjonjiet il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

Rat illi ma kien hemm ebda talba sabiex il-Qortit tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sa llum u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex taghti d-decizjoni taghha.

Ikkunsidrat

Jirrizulta illi waqt illi r-rikorrent kien qieghed isuq il-mutur tieghu bin-numru ta' registrazzjoni DBP785 gewwa Triq Ghajn Dwieli, Paola, kien involut f'incident tat-traffiku mal-vettura bin-

numru ta' registrazzjoni MAM 020, misuqa mill-intimat Peter Mamo, illi taghha responsabbilta' giet ammessa mill-intimati waqt il-mori tal-kawza fit 30 ta' Ottubru 2017.

Jirrizulta illi l-kontestazzjoni esistenti bejn il-partijiet kienet tirrigwarda l-kwantum tad-danni illi ghandhom jigu likwidati.

Ikkunsidrat

Jirrizulta illi r-rikorrent jikkontendi illi bhala **danni** attwali rizultat tal-incident, huwa hallas sal-present total ta' €3,062.53, ossija spejjez medici u ta' zraben fit-total ta' €2,102.83 kif indikati fin-nota tieghu ppresentata a fol 26 u spejjez ohra medici u ta' zraben fit-total €959.70 kif indikati fin-nota tieghu a fol 74 tal-process, li flimkien jaghmlu total ta' €3,062.53 kif fuq gia indikat.

Jirrizulta ghalhekk illi bhala Danni l-ammont ppruvat quddiem il-Qorti kien ta' €3,062.53.

Ikkunsidrat

Jirrizulta illi ghal dak illi jirrigwarda **lucrum cessans**, ir-rikorrent esebixxa s-segwenti FS3's:

| | | |
|---|---|---|
| Sena 2013 | : | €13,548.47 (fol 17) |
| Sena 2014 | : | €13,867.49 (fol 16) |
| Sena 2015 | : | €14,196.52 (fol 15) |
| Sena 2016 | : | €14,525.42 (fol 76) |
| Sena 2017 | : | €14,881.55 (fol 75) |

Jirrizulta illi l-Espert Tekniku mqabbad mir-rikorrenti, Mr Massimo Abela, wasal ghal konkluzjoni illi kellu disabbilta' permanenti ta' tlieta fil-mija (3%) – fol 14.

Jirrizulta illi l-Espert Tekniku mqabbad mill-Qorti, Mr Ray Gatt, wasal ghal konkluzjoni illi r-rikorrenti ghandu disabbilta' permanenti ortopedika ta' tnejn fil-mija (2%) – fol 69.

Jirrizulta illi meta sehh l-incident, r-rikorrent kellu tnejn u hamsin sena (52) u l-eta' pensjonabbli tieghu hija hamsa u sittin sena (65).

**Ikkunsidrat**

Dwar lucrum cessans, il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 1045(1) tal-Kap. 16 (il-Kodiċi Ċivili) li jistipula kif għandhom jitqiesu d-danni:

> *'Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib.'*

Kif qalet il-Qorti fil-kawza '*Andrew Pisani vs Victor Attard*', Rik Nru 1025/15 deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civil, per Imhallef Mintoff, fit-23 ta' Mejju 2018,

*Il-formula matematika applikata mill-Qrati tagħna tinħadem fuq komputazzjoni tal-paga medja tal-persuna li tkun sofriet dannu, multiplikata mal-multiplier li jvarja minn każ għal każ, iżda li hu intrinsikament marbut mal- età probabbli sal-pensjoni, multipilikata bil-perċentwal tad-diżabilità permanenti sofferta, bi tnaqqis ta' għoxrin fil-mija (20%) tenut kont tal-fatt li l- persuna tkun qiegħda tirċievi lump sum payment. F'sentenza mogħtija minn din l-istess Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet Peter Magro vs. Emmanuel Grima, il-Qorti stabbiliet illi:*

*"Il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it- telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġat, u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia lucrum cessans, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjat."*

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi l-paga media kalkolata abbazi tal-paga registrata mir-rikorrent bejn is-snin 2013 sa 2017 hija ta' €14,203.89.

Dwar inflazzjoni, il-Qorti tqis il-kalkolu maghmul mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fuq imsemmija fejn ddikjarat illi r-rata ta' inflazzjoni minnha mehudha in konsiderazzjoni kienet:

*Bħala rata ta' inflazzjoni annwa qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, ir-rata medja tal-inflazzjoni għal dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}*

Jirrizulta, ghalhekk, illi fuq il-paga media ghandha tigi mizjuda l-inflazzjoni ghat-tlettax-il sena li fadal tax-xoghol, ossija 12.48 %, li jfisser illi s-somma ta' €1,772.65 ghandha tizdied mal-introjitu medju sabiex taghmel tajjeb ghaz-zidiet fl-gholi tal-hajja, li flimkien allura jaghmlu t-total ta' €15,976.54.

Jirrizulta illi, wara li qieset il multiplier ta' 13 in vista tan-numru ta' snin li l-attur irid jahdem sa l-eta' ta' l-irtirar, u wara illi qieset illi d-disabbilta' permanenti sofferta mir-rikorrenti kienet fl-ammont ta' tnejn fil-mija (2%), l-ammont ta' danni likwidati bhala lucrum cessans jammonta ghal erbat elef, mija u tlieta u hamsin Euro u disghin centezmu (€4,153.90).

Jirrizulta illi l-Qorti ma tara ebda raguni valida 'l ghaliex ma ghandhiex tnaqqas l-ghoxrin fil-mija (20%) in vista tal-fatt illi ser isir lump sum payment, anke in vista tal-fatt illi r-rikorrent dam aktar minn tmintax il-xahar sabiex iressaq il-provi tieghu dwar danni, u ghalhekk tali somma ta' lucrum cessans ghandha tigi ridotta bil-valur ta' ghoxrin fil-mija (20%) ghal total ta' tlett elef tlett mija u tlieta u ghoxrin Euro u tnax-il centezmu (€3,323.12).

Jirrizulta ghalhekk illi l-ammont stabbilit bhala 'lucrum cessans' ghandu jkun fl-ammont ta' €3,323.12.

## Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet.

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet ta' l-intimat

**Tilqa** t-talba rikorrenti u ghalhekk

**Tiddikjara** lill intimati Peter Mamo u Untours Insurance Agency Limited unikanent responsabbli ghad-danni rizultanti tal-incident tat-traffiku li gara fi Triq Ghajn Dwieli, Paola, meta l-intimat Peter Mamo habat mal-mutur bin-numru DBP 785 misjuq mir-rikorrent;

**Tillikwida** id-danni sofferti mir-rikorrenti rizultat ta' tali incident fl-ammont ta' tlett elef u tnejn u sittin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€3,062.53) bhala 'Danum Emergens' u l-ammont ta' tlett elef tlett mija u tlieta u ghoxrin Euro u tnax-il centezmu (€3,323.12) bhala 'Lucrum Cessans', li jaghmlu total ta' sitt elef, tlett mija u hamsa u tmenin Euro u hamsa u sittin centezmu **(€6,385.65)** .

**Tikkundanna** lill intimati Peter Mamo u Untours Insurance Agency Limited in solidum bejniethom, ihallsu lir-rikorrent is-somma ta' sitt elef, tlett mija u hamsa u tmenin Euro u hamsa u sittin centezmu **(€6,385.65)**

**Spejjez** kif mitluba u **Imghax** kalkolabbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, ikunu kollha a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur